# Il-Ħadd 06.02.2022

1. Illum 06/02:
   - Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.

2. Il-Ħamis 10/02, **Solennità tan-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta**:
   - Tajjeb li nieħdu sehem fil-quddiesa, li tkun fl-istess ħinijiet ta' nhar ta' Ħadd, jiġifieri:- L-Erbgħa 09/02 fis-6:30pm; u
     Il-Ħamis 10/02 fis-6:45am, fid-9:00am, u fil-5:30pm.

3. Il-Ġimgħa 11/02, **Jum il-Morda**.

4. Avviżi oħra:
   - Bi tħejjija għall-attività djoċesana li sejra ssir fil-bidu ta' April ser jitwaqqaf kor biex janima Quddiesa. Il-kor ser ikun iffurmat minn tfal u adulti u ser ikun taħt it-tmexxija ta' Mro Christopher Muscat, *maestro di cappella* tal-Katidral Metropolitan u direttur mużikali tal-Arċidjoċesi ta' Malta. Dawk interessati, li jistgħu ikunu minn 9 snin 'il fuq, għandhom japplikaw fuq *choir@maltadiocese.org* sal-Ġimgħa 11/02.
   - Infakkar li qed jintlaqgħu l-Applikazzjonijiet għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja għal dawk li ġejjin minn skejjel tal-Gvern u indipendenti. Aktar informazzjoni tinkiseb minn fuq il-website tal-Kurja: www.knisja.mt fis-Sezzjoni: *'Skejjel tal-Knisja'*.
   - Il-Kap tal-Iskola Primarja ta' Ħal Safi tavża lil dawk il-ġenituri li uliedhom twieldu fis-sena 2019, u bejn Jannar u April tal-2020, biex matul ix-xahar ta' Frar imorru jiktbuhom għall-klassijiet tal-Kindergarten. Aktar tagħrif jista' jinkiseb minn fuq il-facebook page tal-iskola.
   - Tajjeb ngħidilkom li fejn tidħol il-manutenzjoni tal-knisja u d-diversi proġetti ta' konservazzjoni u restawr:
     - Ġie fi tmiemu l-proċess ta' konservazzjoni u restawr mil-laboratorju ta' Dr Amy Sciberras fuq il-Kwadru ta' San Pawl Nawfragu, liema kwardu tistgħu tammirawh mill-qrib f'dawn il-jiem. Dan normalment jinżamm fis-sagristija.
     - F'dawn il-jiem ittieħdu wkoll 2 kwadri oħra mis-sagristija għand l-istess laboratorju ta' konservazzjoni u restawr: San Benedittu u l-Kunċizzjoni.
   - Il-Każin Banda San Pawl jixtieq jgħarrafkom li l-ġbir li sar f'Jannar b'risq il-festa esterna ta' San Pawl kien ta' € 1,845, u b'risq il-planċier inġabru € 370. Il-Każin jirringrazzja lil kull min ta sehmu u japprezza jekk ħadd ma joqgħod lura.

5. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 130 bħala ġabra tal-Ħadd li għadda;
   - € 75 bħala donazzjonijiet b'risq il-proġetti ta' manutensjoni u restawr;
   - € 60 mill-envelopes bl-Istrina b'risq l-istess għan. Grazzi.
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**, **illum jgħoddu bħala ġabra speċjali b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.**
     Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.